MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 388/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Oliver Agius**

**Illum 27 ta' Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju tas-sena 2004 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika,

ghamel qliegh li jeccedi l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Diana Grech mis-Swieqi.
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.
Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2011, li biha, ma sabitx lill-appellat hati u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-12 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni u tikkancellaha f'dik il-parti li lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni u minflok issib htija f'din l-imputazzjoni u tinfliggi fuqu l-piena jew piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma sabitx lill-appellat Oliver Agius hati ta' l-ewwel akkuza mif kigjuba kontrih u konsegwentement illiberatu minnha bhala rizultat biss ta' apprezzament zbaljata u rragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha. Ghalhekk ghal fini ta' kjarezza dan l-appell qieghed jigi biss impost fuq l-ewwel imputazzjoni ossija l-imputazzjoni rigwardanti l-frodi bil-*mise en scene.*
Illi qieghed jigi sottomess li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt ragjonevolment u legalment tillibera lill-appellat fuq il-provi kif migjuba quddiemha. Illi dan il-kaz gie pruvat li l'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-prosekuzzjoni resqet diversi xhieda kif ukoll diversi dokumenti sabiex juru kemm l-intenzjoni frodulanti ta' l-imputat appellat kif ukoll il-*mise en scene* u r-raggiri li

holoq sabiex il-kwerelanta Diane Grech takkwista diamand ta' kwalita` ferm inferjuri.

Illi x-xhieda ta' Diane Grech kienet carrissima. Hi xtrat id-diamand minn ghand l-imputat appellat ghax kienet se tiffranka. Kinet konxja tal-fatt li djamant ta' kwalita` E kien jiswa ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000). Hi riedet specifikament diamand ta' kwalita` E. Mill-banda l-ohra l-appellat kien konxju li d-djamant li kellu kien ta' kwalita` inferjuri. Fl-istqarrija tieghu stess jghid li hu qatt ma ra diamand ta' dik il-kwalita`. Mela allura ghalfejn lill-kwerelanta qalla li d-djamant li kellu kien jiswa erbgha w ghoxrin elf lira (LM24,000) u li kien lest li jbieghulha tnax-il elf lira (LM12,000)? Illi dan huwa kaz klassiku ta' qerq u ngann meghjun b'numru ta' dokumenti us timi li ma jirriflettux il-verita` li permezz taghhom gieghlu lil Diane Grech taqa` fin-nasba ta' l-imputat.

Illi l-Qorti tal-Magistrati hasset li dan il-kaz huwa kaz civili. Bir-rispett kollu, l-prosekuzzjoni ma taqbilx. L-imputat ghamel uzu minn persuni hbieb tieghu sabiex jotjeni certifikat li ma jirriflettiex il-verita` rigward il-kwalita` ta' dan id-djamant. B'dan ic-certifikat irnexxielu jaghmel qliegh u gwadan ingust minn fuq dar Diane Grech. Ghalhekk zgur mhux forsi li tirrizulta l-materjalita` specifika li serviet l-iskop qarrieqi ta' l-imputat biex jindugi lil Diane Grech temmen dak li ma kienx vera.

It-tezi li hareg biha l-imputat mill-banda l-ohra hija inverosimili ghall-ahhar. L-esponenti ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti emmnet dak li qal l-imputat li l-kwerelanta talbet it-tieni stima li gabar hu stess jew li l-imputat kien halla dan id-djamant f'idejn Diane Grech ghal granet shah biex b'hekk tkun tista` taghmel il-verifiki taghha. L-ewwelnett kieku kien din il-verita` l-imputat kien jistqarra waqt l-istqarrija u mhux ihalli fatti importanti bhal dawn mistura ghal meta tela` fuq il-pedana tax-xhieda. Apparti dan, din il-verzjoni ma gietx ikkollaborata bl-ebda prova ohra. Anzi giet biss ikkontradetta b'dak li qallu x-xhud Azzopardi. Kien l-imputat appellat li talab l-istimi. Kien hu ukoll li mar gabar it-tieni stima. Il-kwerelanta diane Grech iltaqat ma' Charles Azzopardi biss zmien wara sar il-

bejgh. Anke Charles Azzopardi kien jaf li l-istima kienet destinata ghall-imputat. Walter Azzopardi ukoll jghid li cempillu l-imputat u qallu li l-ewwel stima ma kienitx tajba ghalih u kellu bzonn ohra ta' valur aktar gholi. Kif allura l-Qorti tal-Magistrati waslet ghall-konkluzzjoni li dak li qal l-imputat kien verosimili jekk mhux b'ragunament ghal kollox irragonevoli. L-imputat kien kapaci biss ikun konsistenti fl-inkonsistenzi. Ghalhekk l-esponenti ma jistax jikkondividi l-konkluzzjonijiet raggunti mill-Qorti tal-Magistrati.

Ikkonsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-sajf ta' l-2004 l-appellat beda jhajjar li Diane Grech sabiex tixtri minn ghandu djamant illi kien fil-pussess tieghu ghal xi zmien. L-appellat iddeskriva d-djamant bhala dak ta' grad "E" li kien jiswa aktar minn ghoxrin elf (20,000) Lira. Qallha illi kien lest ibieh dan id-djamant versu l-prezz ta' tnax –il elf Lira (12,000). Diane Grech emmnet dak illi qallha u fis-sitta (6) ta' Lulju ta' l-2004 hallset lill-appellat din is-somma wara li kienu ftehmu fuq il-modalita tal-bejh li nkluda fost ohrajn il-montatura tad-djamant. Wara li l-bejh gie konkluz Diane Grech talbet certifikat tal-genwinita tad-djamant.
L-appellat kellu kuntatt ma Walter Azzopardi persuna li tahdem f'dan ix-xoghol u talbu johroglu valutation ta' dan id-djamant. Walter Azzopardi staqsa lil huh Charles sabiex johrog din il-valutazzjoni. Charles Azzopardi hareg certifikat fis-sebgha (7) ta' Lulju ta l-2004 fejn kien juri l-qies ta' dan id-djamant, il-kwalita "F/G" u stima ta' sittax –il elf u hames mitt (16,500) Lira (ara fol 26). Din il-valutazzjoni ngabret minn Walter Azzopardi u nghatat lill-appellat li minn naha tieghu taha lil Diane Grech u spjega illi kien hemm zball fuq il-kwalita u l-prezz u wieghedha li ser igibilha certifikat iehor. Fil-fatt l-appellat rega' talab stima ohra, din id-darba ta' djamant bi kwalita "E" u valur ta' aktar minn ghoxrin elf (20,000) Lira, liema valutazzjoni regghet saret saret minn Charles Azzopardi. Ta' min isemmi illi f'dan l-istadju Charles Azzopardi ma kienx ghadu ra d-djamant u qaghad biss fuq deskrizzjoni illi ghamillu huh Walter. Dan l-ahhar certifikat gie migbur mill-appellant stess u moghti lil Diane Grech. Peress illi din

ta’ l-ahhar baqghu jiguha xi suspetti hadet id-djamant ghand Charles Azzopardi illi wara illi rah fizikament, iddikjara illi kellu grad “G/H” u stmah bejn ghaxra u tnax – il elf  Lira. Dan ic-certifikat inhareg fil-hdax (11) ta’ Awwissu 2004 ( fol 48).
Il-Qorti ordnat illi ssir stima ndipendenti u nnominat lil Joe Mallia Borg sabiex wara li jara d-djamant jaghmel stima tieghu. L-istima qieghda esebita  a fol 142 fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000), illi jaghmlu ghaxart elef, seba’ mija, tnejn u tletin punt hamsa Liri Maltin (LM10,732.50).  Diane Grech hassitha illi giet ingannata meta giet konsenjata djamant b’ta’ grad inferjuri minn dak illi kien qallha l-appellat u talbet ir-rexizjoni tal-bejh  billi tikkonsenja d-djamant lura u tircievi l-prezz illi kienet hallset.  L-appellat irrifjuta u ghalhekk marret taghmel rapport lill-pulizija li pprocedew kontra l-appellat fl-isfond tar-reat imsemmi fl-Artiklu 310  tal-Kap 9.
B’Sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru ta’ l-2011 il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet lilu addebitati.  L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-Sentenza u filwaqt illi talab konferma tal-liberatorja ghal dak li jirrigwardja uzu minn dikjarazzjoni falza u xjentement ghamel uzu minn dokument falz, talab illi kellu jinstab hati mill-ewwel akkuza li ffroda lil Diane Grech u ghamel qlieh illi jaccedi l-elf Lira Maltin  (LM1,000) ghad-dannu taghha.

Ikkunsidrat.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tiddisponi minn eccezzjoni mqajjma mill-avukat ta’ l-appellat fit-trattazzjoni tieghu meta nvoka n-nullita tal-appell peress illi fil-korp ta’ l-appell ta’ l-Avukat Generali giet citata Sentenza  fit-tlieta (3) ta’ Ottubru ta’ l-2011, mentri s-Sentenza in kwistjoni kontra l-appellat  inghatat fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru ta’ l-2011.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi eccezzjoni bhal din ghandha tinghat b’mod formali permezz ta’ verbal u mhux biss waqt trattazzjoni. Pero’ l-Qorti xorta sejra tiddisponi minn din l-

eccezzjoni. Jibda biex jinghad illi l-izball ta’ l-Avukat Generali qieghed fil-korp ta’ appell u mhux fit-talba u ovvju li hemm hekk sar zball. Il-Qorti jidrilha illi dan l-izball ma jolqotx is-sustanza ta’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u lanqas ma jaffettwa xi drittijiet ta’ l-appellat. Dan ta’ l-ahhar jaf sew l-appell ta’ l-Avukat Generali fuq xiex jitratta, l-aggravji huma cari bhal ma hija cara wkoll it-talba tieghu. Anke li kieku kien hemm zball fid-data fit-talba dina hija xi haga li tista’ tigi senata u ma taffettwax il-formalita’ ta’ l-appell ta’ l-Avukat Generali. L-importanti huwa li l-appellat ikun jaf ezatt fiex qieghed l-ilment ta’ l-Avukat Generali sabiex huwa jkun jista jirribatti dan l-ilment jew permezz tan-nota responsiva jew permezz ta’ trattazzjoni quddiem il-Qorti. L-appellat ghazel illi jirrispondi billi jitratta quddiem il-Qorti u wiegeb ghall- punti kollha illi qajjem l-Avukat Generali fin-nota ta’ l-appell tieghu. Ghalhekk billi fil-korp ta’ l-appell l-Avukat Generali ha zball fid-data tas-Sentenza tal-Qorti tal-Magisrati ma jfissirx illi dak l-appell huwa null, la darba ma gewx mittiefsa d-drittijiet ta’ l-appellat li jkun f’pozizzjoni li jwiegeb ghall-aggravji ta’ l-Avukat Generali. Ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni tad-difiza u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali ssottometta bir-rispett li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat u ragonevoli tal-provi li tresqu quddiemha. Dana ‘l ghaliex il-prosekuzzjoni resqet diversi xhieda kif ukoll diversi dokumenti sabiex juru kemm l-intenzjoni frawdolenti ta’ l-appellat kif ukoll il-messa in scena u r-raggieri li holoq sabiex Diane Grech takkwista djamant ta’ kwalita ferm inferjuri minn dak illi qallha. Grech emment lill-appellat meta qallha illi kien qed ibieghlha djamant ta’ grad E li kien jiswa ma l-ghoxrin elf (20,000) Lira. Waslet f’akkordju mieghu u ftehmu fuq prezz ta’ tnax –il elf (12,000) Lira illi hallset. Kien biss wara li n-negozju gie konkluz illi Grech talbet dokument ta’ awtenticita’ tad-djamant illi xtrat minn ghand l-appellat u kien hawn hekk illi l-appellat irrikorra ghand habib tieghu Walter Azzopardi li minn naha tieghu staqsa lil huh Charles sabiex jipproduci certifikat ta’ awtenticita. Kif ga

inaghad, Charles Azzopardi hareg zewg valuri. Certifikat minnhom jirreferi ghal djamant fi graf F/G u certifikat iehor ta' djamant fi grad E. Grech l-ewwel giet moghtija c-certifikat bi grad F/G u wara giet moghtija certifikat bi grad E. Ma hemmx dubju illi dawn ic-certifikat ma jirriflettux il-vera valur tad-djamant illi Grech xtrat minn ghand l-appellat u l-appellat ghamel uzu minnhom meta ghaddihom lil Grech bhala certifikati illi jirriferu ghal veru valur tad-djamant mentri fil-fatt ma kienx il-kaz u ta' dan l-appellat kien ben konxju. Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti hija jekk il-qerq jew intraprizi foloz wara illi gie komnkjz in-negozju jinkwadrax fl-Artiklu 308 tal-Kap 9 fuq imsemmi.

Ikkunsidrat.

Hu assodat illi sal-mument tal-bejh Grech qaghdet esklussivament fuq il-kliem ta' l-appellat meta dan iddeskriva d-djamant u l-grad tieghu u kien a bazi ta' dan id-diskors illi Grech accettat illi tixtri d-djamant. Sa dan l-istadju l-appellat ma uza l-ebda dokument, ma ghamel l-ebda messa in scena izda uza l-kliem tieghu biss sabiex jikkonvinci lil Grech tixtri d-djamant. L-appellat jghid illi d-djamant kien fil-pussess ta' Grech ghal xi granet qabel ma ddecidiet illi tixtrih. Fuq dan pero' Grech ma ssemmi xejn. Pero' fix-xhieda taghha a fol 105 taghmilha cara illi s-suspetti dwar il-kwalita tad-djamant gewha wara illi kienet xtrat l-istess djamant. Ghal soluzzjoi ta' din il-kwistjoni l-Qorti jidhrilha illi ghandha tirrikorri ghal kliem tal-gurista "Carrara" illi kien qed jikkummeta fuq id-*delitto di truffa* skont l-Artiklu 413 tal-Kodici Penali tar-Regnio d'Italia promulgat fl-1889 liema Artiklu huwa simili hafna ghall-Artiklu 308 tal-Kodici Kriminali taghna li jitkellem dwar frodi b'ghemil qarrieqi. Ikun interessanti illi hawn hekk il-Qorti tikkwota dan l-Artiklu 413 tal-Kodici antik Taljan li minnu nibet l-Artiklu 308 taghna. Dan l-Artiklu jghid *"chiunque con artifizzi o raggiri atti a ingannare o a sorprendere l'altrui buona fede, inducendo alcuno in errore, procura a se o ad altri un ingustro profitto con altrui danno e' punito . . ."* L-Artiklu tal-Ligi taghna, l-imsemmi 308, huwa aktar dettaljat ghal dak li jirrigwardja *artifizzi o raggiri.* Pero' l-kuncett huwa l-istess. L-element kostitwiv

tar-reat tat-truffa huwa *artifizzi o raggiri, atti a ingannare o a sorprendere l'altrui buona fede*. Il-Carrara jghallem illi "*l'artifizzio o raggiro non deve consistere in semplici parole menzognere; ma che ad aever delitto vi abbisogna qualche cosa di materiale una messa in scena, un fatto esteriore o l'intervento di una terza persone chi dia credito alla parole . . . Non basterebbe che taluno, dando ad altri un prezzo di rame pero oro, gli avesse affermato che era oro, se non avesse altresi uzato arti perche' quel prezzo di rame imitasse il colorito del oro . . . In sostanza, si distinguerebbe tra menzognia e artifizio. La menzognia no e' delitto (Sottolinear tal-Qorti), perche' nessuno deve credere di facile alla parole altrui; e se vi crede, ne imputi se medesimo: e attenda (se cade in acconcio) dai tribunali civili la riparazione dei propri danni. Ma l'artifizio, quando non volge a sola beffa innocente, ma ad un ingusto spolio, adegua le condizioni obiettive del delitto; e ad avere l'artifizzio non basta il solo discorso, per quanto studiato e persuadente, se oltre alle mendaci parole non si pose in essere una qualce cosa comprovante i falsi asserti.*" (Programma parte speciale Volume IV para 2344).

Id-diskors ta' l-appellant kien "*studiato e persuadente*" imma dejjem kien gidba u ma uza l-ebda dokument jew *artifizzi o raggiri* sabiex jikkonvinci lil Grech tixtri dak id-djamant. Kif qal il-Carrara "*la menzogna non e delitto*" u Grech imissha rat l-affarijiet taghha qabel ma xtrat id-djamant u mhux wara. Kif jghid il-Latin "*cave at emptor*" ix-xerrej ghandu jara l-interessi tieghu u salv drittijiet statutorji, dawn l-interessi m'ghandux jarahom wara illi jkun ikkonkluda l-bejh.

Grech kienet "*gullible*" u waqghet ghal paroli facli ta' l-appellat, dan jista' jaghtiha drittijiet civili imma l-appellat ma jistax jinstab hati ta' frodi b'ghemel qarrieqi meta huwa ma uza l-ebda ghemil qarrieqi sabiex jikkonvinci lil Grech tixtri d-djamant minn ghandu u hawn din il-Qorti ma taqbilx ma l-argument ta' l-Avukat Generali meta f'paragrafu minnhom (fol 181) jghid "illi dana huwa kaz klassiku ta' qerq u ngann mhejjun b'numru ta' dokumenti u stimi li ma jirriflettux il-verita li permezz taghha gieghelu lil Diane

Grech taqa' fin-nazba ta' l-imputat". In-numru ta' dokumenti u stimi illi ma jirriflettux il-verita ma gieghlux lil Diane Grech taqa' fin-nasba ta' l-imputat. Dawn id-dokumenti u stimi gew wara illi kienet diga waqghet fin-nsaba u kienu biss il-gideb u l-paroli ta' l-appellat illi gieghlu lil Grech tixtri dak id-djamant. Il-gideb mhuwiex frodi b'ghemil qarrieqi u ghalhekk din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Qorti meta lliberat lill-appellat mill-ewwel akkuza. Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha l-ewwel Qorti quddiemha sabiex tara jekk il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti kienetx ragonevoli u legalment korretta u waslet ghall-konkluzjoni illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet korretta u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------